Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja biex id-denominazzjoni "Kamiškas Jovarų alus" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li d-denominazzjoni "Kamiškas Jovarų alus" tiġi reregistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Kamiškas Jovarų alus" (IĠP) hija reregistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 2.1. birra tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
fissem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(¹)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(²)</sup> ĠU C 217, 28.6.2019, p. 5.

<sup>(³)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1827**

**tat-30 ta' Ottubru 2019**

**li jemenda d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi  
għall-konċessjonijiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta'  
kuntratti ta' konċessjoni (¹), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE (²), il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (“il-Ftehim”) (³) konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u  
għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Dan japlika  
għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti (“il-livelli massimi”) stipulati  
fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/23/UE huwa li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti, li jaapplikaw  
dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-  
Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-limiti massimu għall-  
konċessjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) ta' dik id-Direttiva jikkorrispondi għal-limitu massimu stabbilit fil-Ftehim.  
Billi l-valur tal-limitu kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/23/UE huwa differenti mill-valur  
tal-limitu stabbilit fl-Artikolu 8(1) ta' dik id-Direttiva, jeħtieġ li dan il-limitu massimu jiġi rivedut.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/23/UE tiġi emadata skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/23/UE, “EUR 5 548 000” huwa sostitwit b’“EUR 5 350 000”,

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni  
Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

(¹) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist  
Pubbliku mill-Gvern (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

(³) ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1828

tat-30 ta' Ottubru 2019

**li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi tal-provvisti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet tad-disinn**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (¹), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE (²), il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (³) ("il-Ftehim") konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u għandu l-għanu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Huwa jaapplika għal-kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti stabbiliti") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet specjalji ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-ghannejet tad-Deciżjona 2014/24/UE huwa li l-awtoritajiet kontraenti li jaapplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deciżjona 2014/24/UE, kull sentejn il-Kummissjoni trid tiverifikasi li l-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi u għall-kompetizzjonijiet tad-disinn stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim. Billi l-valur tal-limiti stabbiliti kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deciżjona 2014/24/UE huwa differenti mill-valur tal-limiti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, jeħtieġ li dawn il-limiti stabbiliti jiġu riveduti. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Deciżjona 2014/24/UE, il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva jridu jiġu allinjati mal-limiti stabbiliti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deciżjona 2014/24/UE tiġi emmendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Id-Deciżjona 2014/24/UE hija emmendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emmendat kif ġej:
  - (a) fil-punt (a), "EUR 5 548 000" huwa sostitwit b"EUR 5 350 000";
  - (b) fil-punt (b), "EUR 144 000" huwa sostitwit b"EUR 139 000";
  - (c) fil-punt (c), "EUR 221 000" huwa sostitwit b"EUR 214 000";
- (2) I-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 huwa emmendat kif ġej:
  - (a) fil-punt (a), "EUR 5 548 000" huwa sostitwit b"EUR 5 350 000";
  - (b) fil-punt (b), "EUR 221 000" huwa sostitwit b"EUR 214 000".

(¹) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

(³) ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1829**

**tat-30 ta' Ottubru 2019**

**li jemenda d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-kuntratti ta' provvisti, servizzi u xogħliljet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(4) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE<sup>(2)</sup>, il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ("il-Ftehim")<sup>(3)</sup> konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swiegħ tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Huwa jaapplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti stabbiliti") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet specċiali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/25/UE huwa li l-entitajiet kontraenti li jaapplikaw dik id-Direttiva, ikunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligli stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, kull sentejn il-Kummissjoni trid tivverifika li l-limiti stabbiliti għall-kuntratti u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn stipulati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva, jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim. Billi l-valur tal-limiti stabbiliti kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2014/25/UE huwa differenti mill-valur tal-limiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva, jeħtieġ li dawn il-limiti stabbiliti jiġu riveduti.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE tiġi emmendata skont dan,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE huwa emmdat kif ġej:

- (1) fil-punt (a), "EUR 443 000" huwa sostitwit b"EUR 428 000";
- (2) fil-punt (b), "EUR 5 548 000" huwa sostitwit b"EUR 5 350 000".

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1830****tat-30 ta' Ottubru 2019**

**li jemenda d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti  
stabbiliti għall-kuntratti tal-provvisti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħliljet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (¹), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 68(1) tagħha,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE (²), il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (“il-Ftehim”) (³) konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swiegħ tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Huwa jaapplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti (“il-limiti stabbiliti”) stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet speċjalji ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴) huwa li jippermettu lill-entitajiet kontraenti u lill-awtoritajiet kontraenti li jaapplikaw dik id-Direttiva, jikkonformaw fl-istess waqt mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/25/UE, kull sentejn il-Kummissjoni trid tivverifikasi li l-limiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva, jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim u fejn dan ikun neċċessarju, trid tirrevedihom.
- (3) Il-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE ġew riveduti. F'konformità mal-Artikolu 68(1) tad-Direttiva 2009/81/KE, il-limiti stabbiliti f'dik id-Direttiva jridu jiġu allinjati mal-limiti riveduti stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/81/KE tiġi emadata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-punt (a), “EUR 443 000” huwa sostitwit b“EUR 428 000”;
- (2) fil-punt (b), “EUR 5 548 000” huwa sostitwit b“EUR 5 350 000”.

(¹) ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).

(³) ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

(⁴) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

---

## DIRETTIVI

### DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1831

tal-24 ta' Ottubru 2019

**li tistabbilixxi l-ħames lista tal-valuri ta' limitu indikattiv ta' esponiment okkupazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-ġġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (²), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jiddikjara li kull ħaddiem għandu dritt ġħal ambjent tax-xogħol li ma jagħmilx ħsara lis-sahħha, sikur u adattat kif suppost. Id-dritt ġħal livell għoli ta' protezzjoni għas-sahħha u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u ġħal ambjent tax-xogħol li huwa adattat għall-htigġiġiet professjonal tal-ħaddiema u li jgħinhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol għal perjodu estiż jinkludi wkoll il-protezzjoni mill-esponiment għall-ġġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol.
- (2) Il-Kummissjoni enfasizzat b'mod ċar il-ħtieġa li tkompli titjieb il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-esponiment għas-sustanzi kimiċi perikolużi fuq il-post tax-xogħol fil-Komunikazzjoni tagħha msejħha "Iktar Sahħha u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd" (³).
- (3) Skont id-Direttiva 98/24/KE, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea (l-UE) fil-forma ta' valuri ta' limitu indikattiv ta' esponiment okkupazzjonali (IOELVs) li jridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE biex il-ħaddiema jiġu protetti mir-riskji li jirriżultaw mill-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi.
- (4) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 98/24/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tistabbilixxi jew tirrevedi l-IOELVs, filwaqt li tqis id-disponibbiltà tal-metodi tat-teknika tal-kejl abbażi ta' miżuri adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE (⁴).
- (5) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/24/KE jiddikjara li l-Kummissjoni għandha tevalwa, permezz ta' valutazzjoni xjentifika indipendenti tal-aħħar data xjentifika disponibbli, ir-relazzjoni bejn l-effetti tal-ġġenti kimiċi perikolużi fuq is-sahħha u l-livell tal-esponiment okkupazzjonali.
- (6) Il-Kummissjoni hija meghħjuna f'dan il-kompli mill-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol (is-SKOEL), stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE (⁵).
- (7) Skont id-Direttiva 98/24/KE, "valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali" tfisser, sakemm ma jkunx spesifikat mod ieħor, il-limitu tal-medja ta' ponderazzjoni tal-ħin tal-konċentrazzjoni ta' aġġent kimiku fl-arrja fiż-żona tat-teħid tan-nifs ta' ħaddiem, b'rabta ma' perjodu referenzjarju spesifikat.
- (8) L-IOELVs huma valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali bbażati fuq is-sahħha, miksuba mill-iktar data xjentifika riċenti disponibbli u adottati mill-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà tat-teknika tal-kejl. Dawn huma livelli ta' limitu tal-esponiment li taħθhom, b'mod ġenerali, aġġent kimiku partikolari ma jkunx mistenni jħalli effetti negattivi wara esponiment għalih għal-żmien qasir jew ta' kuljum tul il-ħajja professjonal. Dawn jikkostitwixxu l-ġhanijiet tal-UE u huma mfassla biex jgħinu lil min jimpjega jiddetermina r-riskji u jivvalutahom u jimplimenta miżuri preventivi u protettivi, b'konformità mad-Direttiva 98/24/KE.

(¹) ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

(²) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Novembru tal-2017, [https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights\\_mt](https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt).

(³) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħha "Iktar Sahħha u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Sahħha u s-Sikurezza Okkupazzjonali", COM/2017/012 final. <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=89&newsId=2709>

(⁴) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkorāġġixxu titjib fis-sigurtà u s-sahħha tal-ħaddiema fuq ix-Xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

(⁵) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE tat-3 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol u li tħassar id-Deċiżjoni 95/320/KE (ĠU L 62, 4.3.2014, p. 18).

- (9) B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-SCOEL, l-IOELVs huma stabbiliti b'rabta ma' perjodu referenzjarju ta' medja ta' ponderazzjoni tal-ħin ta' tmien sīħat (il-valuri ta' limitu ta' esponiment fit-tul) u, għal ġerti aġenti kimiċi, għal perjodi referenzjarji iqsar, b'mod ġenerali ta' medja ta' ponderazzjoni tal-ħin ta' 15-il minuta (il-valuri ta' limitu ta' esponiment fil-qosor), biex jitqiesu l-effetti li jirriżultaw minn esponiment għal żmien qasir.
- (10) Għal kull aġent kimiku li għalihi ġie stabbilit IOELV fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu valur ta' limitu nazzjonali ta' esponiment okkupazzjonali. Huma u jaġħmlu dan, għandhom iqis u l-valur ta' limitu tal-UE, filwaqt li jiddeterminaw in-natura tal-valur ta' limitu nazzjonali b'konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-prattika nazzjonali.
- (11) L-IOELVs huma parti importanti mill-arranġamenti ġenerali għall-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji tas-sahħha li jirriżultaw mill-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi.
- (12) B'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/24/KE, is-SCOEL ivvaluta r-rabta bejn l-effetti tal-aġenti kimiċi elenkti fl-ġħaxar (10) entrati fl-Anness ta' din id-Direttiva fuq is-sahħha u l-livell tal-esponiment okkupazzjonali. B'mod simili, huwa rrakkomanda li jiġi stabbiliti l-IOELVs għal dawn l-aġenti kimiċi kollha għar-rotta tat-teħid tan-nifs tal-esponiment b'rabta mal-perjodu referenzjarju ta' medja ta' ponderazzjoni tal-ħin ta' tmien sīħat. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbiliti l-valuri ta' limitu ta' esponiment fit-tul għall-aġenti kollha msemmija fl-Anness ta' din id-Direttiva.
- (13) Għal uħud minn dawn l-aġenti kimiċi, jiġifieri għall-anilina, għat-trimetilammina, għat-2-fenilpropan (il-kumen), għall-aċċetat tas-sek-butil, għall-4-amminotoluwen, għall-aċċetat tal-isobutil, għall-alkoħol tal-isoamil, għall-aċċetat tan-n-butil u għat-triklorur tal-fosforil, is-SCOEL irrakkomanda wkoll li jiġi stabbiliti l-valuri ta' limitu ta' esponiment fil-qosor.
- (14) Għal ċertu sustanzi, hemm bżonn li titqies il-possibbiltà ta' penetrazzjoni mill-ġilda sabiex jiġi żgurat l-aqwa livell ta' protezzjoni possibbli. Fost l-aġenti kimiċi elenkti fl-entrati fl-Anness ta' din id-Direttiva, is-SCOEL identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda fil-każz tal-anilina, tat-2-fenilpropan (il-kumen) u tal-4-amminotoluwen. Għalhekk huwa xieraq li fl-Anness ta' din id-Direttiva, minbarra li jingħataw l-IOELVs għal dawn l-aġenti kimiċi, jiġi inklużi notazzjonijiet li jindikaw il-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti tagħhom mill-ġilda.
- (15) Wieħed minn dawk l-aġenti kimiċi, jiġifieri t-2-fenilpropan (il-kumen), bħalissa huwa elenkti fl-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE<sup>(6)</sup>. Is-SCOEL irrakkomanda li jiġi stabbilit IOELV-għid għal din is-sustanza. Jixraq għalhekk li jiġi inkluż valur ta' limitu rivedut għat-2-fenilpropan (il-kumen) fl-Anness ta' din id-Direttiva u li titħassar l-entrata korrispondenti mill-Anness tad-Direttiva 2000/39/KE.
- (16) B'konformità mad-Dikjarazzjoni politika konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>(7)</sup>, l-Istati Membri ntrabtu li, f'każi jippesta ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifikasi tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispiegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.
- (17) Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti fforma ta' tabella li turi l-korrelazzjoni bejn il-miżuri nazzjonali u din id-Direttiva hija ġustifikata, minħabba li għal ġerti aġenti digħi jeżistu valuri ta' limitu nazzjonali ta' esponiment okkupazzjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u minħabba d-diversità u natura teknika tal-istrumenti legali fil-livell nazzjonali biex jiġi stabbiliti l-valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali.
- (18) Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Sahħha fuq il-Post tax-Xogħol ġie kkonsultat b'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 98/24/KE u dan ta l-opinjonijiet tiegħi fis-6 ta' Diċembru 2017 u fil-31 ta' Mejju 2018. Il-Kumitat irrikonoxxa li bħalissa jeżistu sfidi fir-rigward tad-disponibbiltà tal-metodoloġiji tal-kejl li jistgħu jintużaw biex juru l-konformità mal-valuri ta' limitu proposti għat-triklorur tal-fosforil u għall-alkoħol tal-isoamil, u li jenħtieġ li jsiru sforzi biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' tekniki adattati għal dan sal-aħħar tal-perjodu tat-traspożizzjoni.
- (19) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Progress Tekniku stabbilit skont 1-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE tat-8 ta' Ġunju 2000 li tistabbilixxi l-ewwel lista ta' valuri ta' limiti ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol biex implimenta d-Direttiva 98/24/KE dwar il-protezzjoni tas-sahħha u s-sigurtà tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq ix-xogħol (ĠU L 142, 16.6.2000, p. 47).

<sup>(7)</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

Il-ħames lista tal-valuri ta' limitu indikattiv ta' esponenti okkupazzjonali tal-UE b'dan hija stabbilita għall-aġenti kimiċi elenkti fl-Anness.

#### *Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixx valuri ta' limitu nazzjonali ta' esponenti okkupazzjonali għall-aġenti kimiċi elenkti fl-Anness, filwaqt li jqisu l-valuri ta' limitu tal-UE.

#### *Artikolu 3*

Fl-Anness tad-Direttiva 2000/39/KE, ir-referenza għall-kumen titħassar b'effett mill-20 ta' Mejju 2021.

#### *Artikolu 4*

1. Sal-20 ta' Mejju 2021 l-iktar tard, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Huma għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih u għandhom jakkumpanjaw in-notifika tagħhom b'dokument ta' spiegazzjoni wieħed jew aktar fil-forma ta' tabelli li juru l-korrelazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-att tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali ewlenin li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### *Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 1-24 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER*

## ANNESS

Nru tal-KE <sup>(1)</sup>	Nru tal-CAS <sup>(2)</sup>	Isem l-aġenta kimiku	Valuri ta' limitu				Notazzjoni <sup>(3)</sup>	
			8 sighthat <sup>(4)</sup>		Perjodu ta' żmien qasir <sup>(5)</sup>			
			mg/m <sup>3</sup> <sup>(6)</sup>	ppm <sup>(7)</sup>	mg/m <sup>3</sup> <sup>(6)</sup>	ppm <sup>(7)</sup>		
200-539-3	62-53-3	Anilina <sup>(8)</sup>	7,74	2	19,35	5	Il-ġilda	
200-817-4	74-87-3	Klorometan	42	20	-	-	-	
200-875-0	75-50-3	Trimetilammina	4,9	2	12,5	5	-	
202-704-5	98-82-8	2-fenilpropan (kumen) <sup>(8)</sup>	50	10	250	50	Il-ġilda	
203-300-1	105-46-4	Aċetat tas-sek-butil	241	50	723	150	-	
203-403-1	106-49-0	4-ammino-toluwen	4,46	1	8,92	2	Il-ġilda	
203-745-1	110-19-0	Aċetat tal-isobutil	241	50	723	150	-	
204-633-5	123-51-3	Alkoħol tal-isoamil	18	5	37	10	-	
204-658-1	123-86-4	Aċetat tan-n-butil	241	50	723	150	-	
233-046-7	10025-87-3	Triklorur tal-fosforil	0,064	0,01	0,12	0,02	-	

(<sup>1</sup>) Nru tal-KE: in-numru tal-Komunità Ewropea (il-KE), li huwa l-identifikatur numeriku tas-sustanzi fl-Unjoni Ewropea.

(<sup>2</sup>) Nru tal-CAS: in-numru tar-reġistru tal-“Chemical Abstracts Service”.

(<sup>3</sup>) Notazzjoni dwar il-ġilda assenjata lill-valur ta' limitu ta' esponenti okkupazzjonali tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

(<sup>4</sup>) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perjodu referenzjarju ta' medja ta' ponderazzjoni tal-ħin (TWA) ta' tmien sighthat.

(<sup>5</sup>) Limitu ta' esponent fil-qosor (STEL). Valur ta' limitu li ma jridx jinqabeż. Dan huwa marbut ma' perjodu ta' 15-il minuta, sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor.

(<sup>6</sup>) Mg/m<sup>3</sup>: milligrammi għal kull metru kubu ta' arja. Għas-sustanzi kimiċi f'fażi gassuża jew f'fażi ta' tifwir, il-valur ta' limitu huwa mogħti f'20 °C u f'101,3 kPa.

(<sup>7</sup>) Ppm: partijiet għal kull miljun skont il-volum fl-arja (f'ml/m<sup>3</sup>).

(<sup>8</sup>) Matul il-monitoraġġ tal-esponent, jenħtieġ li jitqiesu l-valuri tal-monitoraġġ bijoloġiku rilevanti kif issuġġeriti mill-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol (is-SKOEL).

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1832****tal-24 ta' Ottubru 2019**

**li temenda l-Annessi I, II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE rigward aġġustamenti purament tekniċi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

- (1) Il-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (²), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jipprevedi li kull ħaddiem għandu d-dritt għal ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat. Id-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tagħhom fuq ix-xogħol u għal ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet professjonal tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol jinkludi l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali fil-post tax-xogħol jekk ir-riskji ma jistgħux jiġi evitati jew limitati biżżejjed b'mezzi, miżuri, metodi jew proċeduri oħra tal-organizzazzjoni tax-xogħol.
- (2) L-implementazzjoni tad-direttivi relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, fosthom id-Direttiva 89/656/KEE, kienet is-suġġett ta' evalwazzjoni ex post, imsejħa evalwazzjoni REFIT. Fl-evalwazzjoni ngħatat ħarsa lejn ir-rilevanza tad-direttivi, lejn ir-riċerka u lejn l-għarfien xjentifiku ġdid fid-diversi oqsma kkonċernati. L-evalwazzjoni REFIT, imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (³), fost l-oħrajn, tikkonkludi li l-użu tat-tagħmir ta' protezzjoni personali jikkonċerna madwar 40 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, billi r-riskji fuq il-post tax-xogħol ma jistgħux jiġi evitati b'xi mezzi oħrajn, u li hemm bżonn li jiġi indirizzati d-diffikultajiet fl-implementazzjoni tad-Direttiva 89/656/KEE.
- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali" (⁴) [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni tenniet li filwaqt li l-evalwazzjoni REFIT tal-acquis tal-Unjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali kkonfermat li l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam hija ġeneralment effettiva u adatta għall-iskop tagħha, hemm lok għal aġġornament tar-regoli obsoleti u li jiġi żgurati protezzjoni, konformità u nfurzar aħjar u usa' fil-prattika. Il-Kummissjoni tenfasizza l-bżonn partikolari li tigħi kķunsidrata d-definizzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u l-użu tiegħi minn servizzi u setturi differenti, kif stipulat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/656/KEE.
- (4) Id-Direttiva 89/656/KEE tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-użu tat-tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, li għandu jiġi użat meta r-riskji kkonċernati ma jistgħux jiġi evitati jew limitati biżżejjed b'mezzi tekniċi ta' protezzjoni kollettiva jew b'miżuri, metodi jew proċeduri tal-organizzazzjoni tax-xogħol. Biex jiffaċilitaw l-istabbiliment tar-regoli ġenerali meħtieġa skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/656/KEE, l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE jipprovdu linji gwida mhux vinkolanti maħsuba biex jiffaċilitaw u jappoġġaw l-għażla tat-tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq għar-riskji, l-attivitajiet u s-setturi kkonċernati.

(¹) ĠUL 393, 30.12.1989, p. 18.

(²) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 2017, [https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf)

(³) SWD(2017) 10 final.

(⁴) COM(2017) 12.

- (5) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹) jistipula d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali. Ir-Regolament (UE) 2016/425 immodifika l-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-prodotti, biex jippermetti li min iħaddem jisħem u b'hekk jintuża t-tagħmir ta' protezzjoni personali, kif spiegat f'aktar dettall fil-Linji Gwida dwar it-Tagħmir ta' Protezzjoni Personalji (⁹) li jiċċaraw il-proċeduri u l-materji msemmija fir-Regolament (UE) 2016/425. Jitqies xieraq li l-Anness I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE jiġu aġġornati biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-klassifikazzjoni tar-riskji stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/425 u biex jiġu allinjati mat-terminoloġiji użati u mat-tipi ta' tagħmir ta' protezzjoni personali msemmija fir-Regolament (UE) 2016/425.
- (6) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/656/KEE jipprevedi li min iħaddem għandu jiprovd tagħmir ta' protezzjoni personali li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar id-disinn u l-manifattura fir-rigward tas-sigurtà u tas-saħħa. Skont dak l-Artikolu, min iħaddem u jipprovd t-tagħmir ta' protezzjoni personali lill-ħaddiema tagħhom iridu jiżguraw li t-tali tagħmir ta' protezzjoni personali jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/425.
- (7) L-Anness I tad-Direttiva 89/656/KEE jistabbilixxi abbozz ta' tabella ta' survey tar-riskju għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u jistabbilixxi t-tipi ta' riskji li jistgħu jseħħu fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' partijiet differenti tal-ġisem li jkunu protetti bit-tagħmir protettiv personali. L-Anness I jenħtieġ li jiġi emendat biex jitqiesu t-tipi ġodda ta' riskji li jitfaċċaw fil-postijiet tax-xogħol u biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-klassifikazzjoni tar-riskji u mat-terminoloġija użata, b'mod partikolari fir-Regolament (UE) 2016/425.
- (8) L-Anness II tad-Direttiva 89/656/KEE, li jistabbilixxi lista gwida mhux eżawrjenti ta' ogħġetti ta' tagħmir ta' protezzjoni, jenħtieġ li jiġi emendat biex iqis it-tipi ġodda ta' riskji identifikati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. L-Anness II jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jinkludi eżempji ta' tagħmir ta' protezzjoni personali disponibbli bħalissa fis-suq b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/425 u t-terminoloġija użata f'dak ir-Regolament.
- (9) L-Anness III tad-Direttiva 89/656/KEE jistabbilixxi lista ta' gwida mhux eżawrjenti ta' attivitajiet u setturi ta' attività li jistgħu jeħtieġu l-proviżjon ta' tagħmir ta' protezzjoni personali, u jiġb flimkien il-klassifikazzjonijiet tar-riskji stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u t-tipi ta' tagħmir ta' protezzjoni personali deskritti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. L-Anness III tad-Direttiva 89/656/KEE jenħtieġ li jiġi ristrutturat biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn it-terminoloġija u l-klassifikazzjonijiet użati fit-tliet Anness u mar-Regolament (UE) 2016/425. Dan se jippermetti li min iħaddem minn setturi u industriji differenti jidentifika u jipprovd tagħmir ta' protezzjoni personali aħjar li jikkorrispondi għall-attivitajiet speċifiċi u t-tipi speċifiċi ta' riskji li l-ħaddiema huma esposti għalihom, kif indikat fil-valutazzjoni tar-riskju.
- (10) Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għie kkonsultat dwar il-miżuri li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Iktar Saħħa u Sikurezza fuq ix-Xogħol għal Kulħadd – Modernizzazzjoni tal-Politika u tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali” [traduzzjoni mhux uffiċjali] li huma meħtieġa biex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurta u s-saħħa okkupazzjonali tinżamm effettiva u adatta għall-iskop tagħha.
- (11) Fl-“Opinjoni dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sitt Direttivi dwar is-Saħħa u s-Sigurta Okkupazzjonali sabiex Jiġi Żgurat Xogħol Aktar Sigur u Tajjeb għas-Saħħa għal Kulħadd” (⁹) [traduzzjoni mhux uffiċjali] tiegħu, li ġiet adottata fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li d-Direttiva 89/656/KEE jenħtieġ li tiġi aġġornata biex jittejbu r-rilevanza u l-effettività tagħha.
- (12) F“Opinjoni dwar l-aġġornamenti tekniċi tal-annessi tad-Direttiva dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali (89/656/KEE)” (⁹) [traduzzjoni mhux uffiċjali] sussegwenti, li ġiet adottata fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jirrakkomanda li jenħtieġ li jitwettqu aġġornamenti speċifiċi tal-Anness I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE, filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi fil-qasam u li tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (UE) 2016/425.
- (13) Fit-tħejjija tal-aġġornament attwali tal-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE, il-Kummissjoni ġiet megħjuna minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, li taw appoġġ tekniku u xjentifiku.

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

(⁹) PPE Regulation Guidelines – Guide to application of Regulation (UE) 2016/425 on personal protective equipment, <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/29201?locale=mt>

(⁹) Id-Dokument 1718/2017 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

(⁹) Id-Dokument 443/18 tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

- (14) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni (⁹), adottata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispiegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.
- (15) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE (¹⁰),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

L-Annessi I, II u III tad-Direttiva 89/656/KEE huma ssostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

#### *Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2021. Huma għandhom jikkomunikaw minnufiżiż lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

#### *Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 1-24 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

(⁹) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(¹⁰) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u saħħha tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

## ANNESS

(1) L-Anness I tad-Direttiva 89/656/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

## "ANNESS I

**RISKJI RELATATI MAL-PARTIJIET TAL-ĠISEM LI GĦANDHOM IKUNU PROTETTI MINN PPE (\*)**

(\*) Din il-lista ta' riskji/partijiet tal-ġisem ma tistax tkun mistennija li tkun eżawrjenti.

Il-valutazzjoni tar-riskju se tiddetermina l-ħtieġa li jiġi pprovdut PPE u l-karatteristiċi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

**RISKJI**

PARTIJIET TAL-ĠISEM LI GĦANDHOM IKUNU PROTETTI	FIŻIĊI										KIMIĊI (inkluż nanomaterjal) (*)					AŻENTI BIJOLOĠIĊI (li jinsabu fi)				RISKJI OĦRAJN								
	MEKKANIĊI							ĦOSS	TERMALI		ELETTRIĊI		RADJAZZJONI		AEROSOLS		LIKWIDI		GASSIJET UFVAR	AEROSOLS		LIKWIDI		MATERJALI, PERSUNI, ANNIMALI, ECC.		GĦARQA	DEFIĊENZA tal-ossigru	NUQQAS TA' VIŻIBILTÀ
	( <sup>1</sup> )	( <sup>2</sup> )	( <sup>3</sup> )	( <sup>4</sup> )	( <sup>5</sup> )	( <sup>6</sup> )	( <sup>7</sup> )		Shana u/jew nirien	Kesħa	Xokk eletriku ( <sup>8</sup> )	Elettriċità statika	Mħux jonizzanti ( <sup>9</sup> )	Jonizzanti	Solidi ( <sup>10</sup> )	Likwidi ( <sup>11</sup> )	Immersjoni	Titjir, sprejs, ġettijiet		Solidi u likwidi	Kuntatt dirett u indirett	Titjir, sprejs, ġettijiet	Kuntatt dirett u indirett					
	Ir-ras	Il-kranju																										
Ir-ras	Il-kranju																											
	Ir-ras kollha																											
Il-widnejn																												
L-għajnejn																												
Il-wiċċ																												
Is-sistema respiratorja																												
L-idejn																												
Id-dirgħajn (partijiet)																												
Is-sieq																												
Ir-riġlejn (partijiet)																												
Il-ġilda																												
It-Tronk/iz-Żaqq																												
Il-ġisem parzialment																												
Il-ġisem kollu																												

(<sup>1</sup>) Impatt ikkawżat minn oggetto li jaqgħu jew jintremew 'il barra, ħabta ma' xi ostaklu jew ġettijiet bi pressjoni għolja

(<sup>8</sup>) Kuntatt dirett jew indirett

(<sup>2</sup>) Waqħha minħabba żliq

(<sup>9</sup>) Fosthom id-dawl tax-xemx (għajr l-observazzjoni diretta)

(<sup>3</sup>) Waqħha mill-għolja

(<sup>10</sup>) Trabjiet, dħaħen u fibri

(<sup>4</sup>) Vibrazzjoni

(<sup>11</sup>) Ċpar

(<sup>5</sup>) Kompressjoni statika tal-partijiet tal-ġisem

(<sup>\*</sup>) Ara r-Rakkmandazzjoni 2011/696/UE dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjal

(<sup>6</sup>) Korimenti mekkaniċi (brix, titqib, qtagħġad, gdim, ġrieħi jew tinfid)

(<sup>7</sup>) Tħabbil u nsib mekkaniku

(2) L-Anness II tad-Direttiva 89/656/KEE hu sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS II

**LISTA MHUX EŻAWRJENTI TAT-TIPI TA' TAGħMIR TA' PROTEZZJONI PERSONALI FIR-RIGWARD TAR-RISKJI LI JILQGĦU GHALIOM**

**Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAR-RAS**

- Elmi u/jew brieret/balaklavi/ilbies għar-ras kontra:
  - Impatti kkawżati minn oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra
  - Ħabta ma' xi ostaklu
  - Riskji mekkaniċi (perforazzjoni, brix)
  - Kompressjoni statika (tgħaffiġ lateral)
  - Riskji termali (nirien, sħana, kesħa, solidi jaħarqu inklużi metalli mdewba)
  - Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi
  - Riskji kimiċi
  - Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
- Xbieki tax-xagħar kontra r-riskju tat-tħabbil

**Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAS-SMIGĦ**

- Earmuffs (inkluż eż. earmuffs mehmużin ma' elmu, earmuffs li jnaqqsu l-istorbju attiv, earmuffs b'input elettriku ta' awdjo)
- Earplugs (inkluż eż. earplugs skont il-livell, earplugs adattati għall-individwu)

**Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-GĦAJNEJN U TAL-WIĊĊ**

- Nuċċalijiet, goggles u lqugħ tal-wiċċ (lentijiet bi preskrizzjoni fejn xieraq) kontra:
  - Riskji mekkaniċi
  - Riskji termali
  - Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
  - Radjazzjoni jonizzanti
  - Aerosols solidi u likwidli tal-aġġenti kimiċi u bijoloġiċi

**Tagħmir għall-PROTEZZJONI RESPIRATORJA**

- Apparat ta' filtrazzjoni kontra:
  - Partikuli
  - Gassijiet
  - Partikuli u gassijiet
  - Aerosols solidi u/jew likwidi
- Tagħmir iż-żolatur, inkluż bi provvista ta' arja
- Apparati ta' awtosalvataġġ
- Apparat tal-għaddasa

**Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-IDEJN U TAD-DIRGĦAJN**

- Ingwanti (inkluż mittens u protezzjoni tad-dirgħajn) kontra:
  - Riskji mekkaniċi
  - Riskji termali (sħana, fjammi u kesħa)

- Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi (antistatiku, konduttivi, iżolanti)
- Riskji kimiċi
- Aġenti bijoloġiċi
- Radjazzjoni jonizzanti u kontaminazzjoni radjuattiva
- Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
- Riskji mill-vibrazzjoni
- Ingwanti tas-swaba'

#### ***Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAS-SAQAJN U TAR-RIĠLEJN u protezzjoni kontra ż-żliq***

- Xedd tas-saqajn (eż-żraben, inkluż fċerti ċirkostanzi clogs, bwież li jista' jkollhom maskaretti tal-azzar) biex jipproteġi kontra:
  - Riskji mekkaniċi
  - Riskji ta' żliq
  - Riskji termali (ħana, fjammi u kesħa)
  - Xokk elettriku jew xogħol fuq wajers attivi (antistatiku, konduttivi, iżolanti)
  - Riskji kimiċi
  - Riskji mill-vibrazzjoni
  - Riskji bijoloġiċi
- Ilquġi għall-instep li jistgħu jitneħħew kontra riskji mekkaniċi
- Kuxxinetti tal-irkoppa kontra riskji mekkaniċi
- Getti kontra riskji mekkaniċi, termali u kimiċi u aġenti bijoloġiċi
- Aċċessorji (eż., ganċijiet, takki bil-ponta)

#### ***PROTEZZJONI TAL-ĠILDA - KREMI TA' PROTEZZJONI TAL-ĠILDA* (¹)**

- Jista' jkun hemm kremi protettivi li jipproteġi kontra:
  - Radjazzjoni mhux jonizzanti (UV, IR, radjazzjoni solari jew mill-iwweldjar)
  - Radjazzjoni jonizzanti
  - Kimiċi
  - Aġenti bijoloġiċi
  - Riskji termali (ħana, fjammi u kesħa)

#### ***Tagħmir għall-PROTEZZJONI TAL-ĠISEM/PROTEZZJONI OĦRA GĦALL-ĠILDA***

- Tagħmir ta' protezzjoni personali kontra l-waqqħat mill-għoli, bħal tagħmir li jwaqqaf il-waqħha tat-tip li jidħol 'il-ġewwa, irbit għall-ġisem kollu, irbit ta' mal-qadd, ċinturini għal xogħol ta' pożizzjonament u ta' trażżeen u kurduni għal xogħol ta' pożizzjonament, assorbituri tal-enerġija, tagħmir li jwaqqaf il-waqħha tat-tip iggwidat li jinkludi linji tal-ankrāgg, apparat ta' aġġustament tal-ħbula, apparat ta' ankrāgg li mhux iddisinjat biex jitwaħħal b'mod permanenti u li ma jkunx jeħtieġ xogħlijet ta' twaħħil qabel l-użu, konnetturi, ċineg, irbit tas-salvataġġ
- Ilbies protettiv, inkluż protezzjoni għall-ġisem kollu (jiġifieri, ilbies sħiħ, overalls) protezzjoni għall-ġisem parżjali (jiġifieri getti, qliezet, ġkieket, sdieri, fradal, kuxxinetti tal-irkoppa, kapep, balaklavi) kontra:
  - Riskji mekkaniċi
  - Riskji termali (ħana, fjammi u kesħa)
  - Kimiċi

IT	Kundizzjonalità	2016	Nuqqas fil-verifikasi tal-Identità u tar-Reġistrazzjoni taħt l-RSG 7 - issena tat-talba 2015	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 7 296,99	- 66,24	- 7 230,75
	Kundizzjonalità	2017	Nuqqas fil-verifikasi tal-Identità u tar-Reġistrazzjoni taħt l-RSG 7 - issena tat-talba 2015	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 2 923,66	0,00	- 2 923,66
	Kundizzjonalità	2018	Nuqqas fil-verifikasi tal-Identità u tar-Reġistrazzjoni taħt l-RSG 7 - issena tat-talba 2015	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 99,12	0,00	- 99,12

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Kundizzjonalità	2017	Nuqqas fil-verifikasi tal-Identità u tar-Reġistrazzjoni taħt l-RSG 7 - issena tat-talba 2016	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 27 283,36	0,00	- 27 283,36
	Kundizzjonalità	2018	Nuqqas fil-verifikasi tal-Identità u tar-Reġistrazzjoni taħt l-RSG 7 - issena tat-talba 2016	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 2 117,20	0,00	- 2 117,20
	Ċertifikazzjoni	2017	Erruri fil-FAEŻR	TA' DARBA		EUR	- 29 136,27	- 319,58	- 28 816,69
	Ċertifikazzjoni	2017	Errur magħruf (FAEŻR)	TA' DARBA		EUR	- 121 884,94	0,00	- 121 884,94
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji pubbliċi	2014	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (qsim artifiċjali)	TA' DARBA		EUR	- 431 400,00	0,00	- 431 400,00
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2015	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (qsim artifiċjali)	TA' DARBA		EUR	- 330 045,02	0,00	- 330 045,02
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (qsim artifiċjali)	TA' DARBA		EUR	- 15 123,95	0,00	- 15 123,95

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - benefiċi-jarji pubbliċi	2014	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (Id-Deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni mhux iġġustifikata kif xieraq)	TA' DARBA		EUR	- 44 449,58	0,00	- 44 449,58
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - benefiċi-jarji pubbliċi	2015	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (Id-Deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni mhux iġġustifikata kif xieraq)	TA' DARBA		EUR	- 28 584,53	0,00	- 28 584,53
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - benefiċi-jarji pubbliċi	2016	Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku ma ġewx ivverifikati b'mod xieraq (Id-Deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni mhux iġġustifikata kif xieraq)	TA' DARBA		EUR	- 7 895,28	0,00	- 7 895,28
					Total IT:	EUR	<b>-1 048 239,90</b>	<b>- 385,82</b>	<b>-1 047 854,08</b>
LT	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - benefiċi-jarji privati	2016	M121 + M123 - L-ambitu tal-verifikasi fuq il-post u l-kontrolli fuq kemm huma raġonevoli l-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	-1 109 209,77	0,00	-1 109 209,77
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2015	M311 - Kostijiet tal-karozzi ineliġibbli (korrezzjoni b'rata fissa ta'-5 % mill-inkesta RD1/2014/834/LT)	TA' DARBA		EUR	- 25 892,39	- 1 294,62	- 24 597,77
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2016	M311 - Raġonevolezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 7 070,44	0,00	- 7 070,44
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2016	M312 - L-ambitu tal-verifikasi fuq il-post u l-kontrolli fuq kemm huma raġonevoli l-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 297 843,38	0,00	- 297 843,38
					Total LT:	EUR	<b>-1 440 015,98</b>	<b>- 1 294,62</b>	<b>-1 438 721,36</b>

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
LU	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2016	FAEŻR M10 u M11: Kwantità insuffiċjenti ta' verifikasi fuq il-post	TA' DARBA		EUR	- 25 037,52	0,00	- 25 037,52
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2017	FAEŻR M10 u M11: Kwantità insuffiċjenti ta' verifikasi fuq il-post	TA' DARBA		EUR	- 4 245,01	0,00	- 4 245,01
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2016	M10 u M11: Assenza tal-verifikasi fuq il-post	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 27 749,53	0,00	- 27 749,53
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2017	M10 u M11: Assenza tal-verifikasi fuq il-post	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 55 330,54	0,00	- 55 330,54
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2018	M10 u M11: Assenza tal-verifikasi fuq il-post	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 61 198,87	0,00	- 61 198,87
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2016	M11: pagamenti mwettqa qabel it-testija tal-verifikasi amministrattivi	TA' DARBA		EUR	- 962,05	0,00	- 962,05
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-ghutaht l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2017	M11: pagamenti mwettqa qabel it-testija tal-verifikasi amministrattivi	TA' DARBA		EUR	- 263,51	0,00	- 263,51
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - benefiċi-jarji pubbliċi	2016	M20: verifikasi dgħajfa fuq l-el-iġib-biltà tal-kostijiet	TA' DARBA		EUR	- 24 360,56	0,00	- 24 360,56

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji pubbliċi	2017	M20: verifikasi dgħajfa fuq l-elígib-biltà tal-kostijiet	TA' DARBA		EUR	- 38 435,81	0,00	- 38 435,81
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2017	M6.1: verifikasi dgħajfa dwar l-elígibbiltà tal-proġett (Pjanijiet Operazzjonali)	TA' DARBA		EUR	- 47 340,00	0,00	- 47 340,00
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2018	M6.1: verifikasi dgħajfa dwarf l-elígibbiltà tal-proġett (Pjanijiet Operazzjonali)	TA' DARBA		EUR	- 11 835,00	0,00	- 11 835,00
					Total LU:	EUR	<b>- 296 758,40</b>	<b>0,00</b>	<b>- 296 758,40</b>
MT	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2015	Evalwazzjoni xierqa tar-raġone-volezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 639,69	- 199,58	- 440,11
	Leader tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali	2015	Evalwazzjoni xierqa tar-raġone-volezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 264,48	- 82,52	- 181,96
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Evalwazzjoni xierqa tar-raġone-volezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 30 407,39	0,00	- 30 407,39
	Leader tal-FAEŻR għall-iżvilupp rurali	2016	Evalwazzjoni xierqa tar-raġone-volezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 253,80	0,00	- 253,80
	Miżuri tal-iżvilupp rurali tal-FAEŻR b'appoġġ b'rata fissa	2016	Evalwazzjoni xierqa tar-raġone-volezza tal-kostijiet	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 4 212,63	0,00	- 4 212,63

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2015	Twettiq ta' OTSC ta' kwalità suffiċjenti	TA' DARBA		EUR	- 64 128,03	- 1 000,40	- 63 127,63
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Twettiq ta' OTSC ta' kwalità suffiċjenti	TA' DARBA		EUR	- 41 890,44	0,00	- 41 890,44
	Kundizzjonalitā	2016	ST 2015 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 6 u/jew RSG 7 iżda mhux RSG 8 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 144,27	0,00	- 144,27
	Kundizzjonalitā	2017	ST 2016 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 7 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 79,81	0,00	- 79,81
	Kundizzjonalitā	2018	ST 2017 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 7 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 88,00	0,00	- 88,00
	Kundizzjonalitā	2016	ST 2015 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 6 u/jew RSG 7 iżda mhux RSG 8 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 84,04	0,00	- 84,04

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Kundizzjonalità	2017	ST 2016 - Benefiċjarji soġġetti għal kombinamenti ta' RSG - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 75,05	0,00	- 75,05
	Kundizzjonalità	2018	ST 2017 - Benefiċjarji soġġetti għal kombinamenti ta' RSG - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 73,91	0,00	- 73,91
	Kundizzjonalità	2016	ST 2015 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 8 biss - L-ebda evidenza ta' proċeduri ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 400,38	0,00	- 400,38
	Kundizzjonalità	2017	ST 2016 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 6 u/jew RSG 8 iżda mhux soġġetti għall-RSG 7 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u/jew l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 465,51	0,00	- 465,51
	Kundizzjonalità	2018	ST 2017 - Benefiċjarji soġġetti għar-rekwiżiti ta' RSG 6 u/jew RSG 8 iżda mhux RSG 7 - Nuqqas fil-verifikasi fuq il-post tal-RSG relatati mal-annimali u l-ebda evidenza ta' superviżjoni adegwata	RATA FISSA	2,00 %	EUR	- 445,90	0,00	- 445,90
					Total MT:	EUR	<b>- 143 653,33</b>	<b>- 1 282,50</b>	<b>- 142 370,83</b>
NL	Żvilupp Rurali tal-FAEŻR, ġestjoni tar-riskju	2016	Nuqqas fir-rigward tal-istatus ta' bidwi attiv - impatt fuq l-Iżvilupp Rurali	TA' DARBA		EUR	- 19 981,45	0,00	- 19 981,45
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-għu taħt l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2018	LPIS u dgħufijiet oħra	TA' DARBA		EUR	- 29 502,31	0,00	- 29 502,31

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Miżuri tal-iżvilupp rurali li jaq-għu taħt l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2017	Dgħufijiet fil-LPIS (FAEŻR)	TA' DARBA		EUR	- 805 547,41	0,00	- 805 547,41
					Total NL:	EUR	<b>- 855 031,17</b>	<b>0,00</b>	<b>- 855 031,17</b>
PT	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2016	Finanzjament doppju bejn l-M8 (l-ewwel afforestazzjon) u l-ekolo-gizzazzjoni ŻIE - SF 2016.	TA' DARBA		EUR	- 45 335,01	- 166,16	- 45 168,85
	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2017	Finanzjament doppju bejn l-M8 (l-ewwel afforestazzjon) u l-ekolo-gizzazzjoni ŻIE - SF 2017.	TA' DARBA		EUR	- 62 829,11	0,00	- 62 829,11
	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2018	Finanzjament doppju bejn l-M8 (l-ewwel afforestazzjon) u l-ekolo-gizzazzjoni tal-EFA - SF 2018 + SF 2019.	TA' DARBA		EUR	- 64 068,90	0,00	- 64 068,90
	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2019	Finanzjament doppju bejn l-M8 (l-ewwel afforestazzjon) u l-ekolo-gizzazzjoni tal-EFA - SF 2018 + SF 2019.	TA' DARBA		EUR	- 2 485,97	0,00	- 2 485,97
					Total PT:	EUR	<b>- 174 718,99</b>	<b>- 166,16</b>	<b>- 174 552,83</b>
RO	Ċertifikazzjoni	2017	Erruri individwali fil-FAEŻR.	TA' DARBA		EUR	- 54 870,22	0,00	- 54 870,22
					Total RO:	EUR	<b>- 54 870,22</b>	<b>0,00</b>	<b>- 54 870,22</b>
SE	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2015	Kontroll essenzjali 1 - Għażla u evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-proġetti	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 45 164,84	- 45 164,84	0,00

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Kontroll ewlieni 1 - Għażla u evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-proġetti	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 3 966,68	0,00	- 3 966,68
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2017	Verifikasi xierqa tal-kontroll ewlieni biex jiġi żgurat li l-investiment/il-proġett/l-applikazzjoni jissodis-faw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kriterji ta' eliġibbiltà kif stabbiliti fil-PŻR tal-Istat Membru jew tar-reġjun (M04.4)	TA' DARBA		EUR	- 15 197,09	0,00	- 15 197,09
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2018	Verifikasi xierqa tal-kontroll ewlieni biex jiġi żgurat li l-investiment/il-proġett/l-applikazzjoni jissodis-faw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kriterji ta' eliġibbiltà kif stabbiliti fil-PŻR tal-Istat Membru jew tar-reġjun (M04.4)	TA' DARBA		EUR	- 21 238,15	0,00	- 21 238,15
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2015	Għażla u evalwazzjoni ta' proġetti/applikazzjonijiet (M121)	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 9 197,44	- 9 197,44	0,00
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Għażla u evalwazzjoni ta' proġetti/applikazzjonijiet (M121)	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 300,26	- 300,26	0,00
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Nefqa tranżizzjoni (M121)	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 185,67	0,00	- 185,67

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	Korrezzjoni %	Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	Nefqa tranżizzjonali (M216)	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 949,82	0,00	- 949,82
	Investiment fl-iż-vilupp rurali tal-FAEŻR - beneficijarji privati	2016	dgħufija fir-raġonevolezza tal-kostijiet li jridu jiġu koperti mill-proċeduri tal-akkwist pubbliku (M216)	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 3 685,07	0,00	- 3 685,07
	Miżuri tal-iż-vilupp rurali li jaq-ġħu taħt l-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2017	Dgħufija fil-kontroll ewljeni fir-ri-gward tal-verifikasi amministrattivi biex jiġi stabbilit l-aċċess għall-ġħajnuna mitluba fir-rigward tal-istatus ta' bidwi attiv tas-sena tat-talba tal-2016	STIMA SKONT IL-PERČENT-WAL	0,58 %	EUR	- 17 824,63	0,00	- 17 824,63
					Total SE:	EUR	<b>- 117 709,65</b>	<b>- 54 662,54</b>	<b>- 63 047,11</b>
SK	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2016	M8.3 u M8.4: dgħufija fil-kontroll ewljeni “Għażla u evalwazzjoni ta’ proġetti” - ST 2015 u 2016 - SF2016 u 2017	RATA FISSA	5,00 %	EUR	- 214 806,09	- 168 268,94	- 46 537,15
	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR għall-forestrija	2017	M8.3 u M8.4: dgħufija fil-kontroll ewljeni “Għażla u evalwazzjoni ta’ proġetti” - ST 2015 u 2016 - SF2016 u 2017	RATA FISSA	5,00 %	EUR	-1 326 332,65	0,00	-1 326 332,65
					Total SK:	EUR	<b>-1 541 138,74</b>	<b>- 168 268,94</b>	<b>- 1 372 869,80</b>

Munita	Ammont	Tnaqqis	Impatt finanzjarju
EUR			
	-15 125 090,05	-3 382 519,21	-11 742 570,84

## III

(Attieh oħrajin)

## ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 78/2019

tad-29 ta' Marzu 2019

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE 2019/1836

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (¹), kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, mill-ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54, irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2016/1033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq u r-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (²) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (³), kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, mill-ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116, trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Id-Direttiva (UE) 2016/1034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji (⁴) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Id-Direttiva 2014/65/UE tħassar id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁵), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid tħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jispeċifika l-każijiet li fihom l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) jistgħu temporanġament jipprojbixxu jew jirrestrinġu ċerti attivitajiet finanzjarji, u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet neċċesarji f'konformità, rispettivament, mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁶) u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁷). Għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE, dawn is-setgħat għandhom jiġi eżerċitati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, skont il-punti 31g u 31i tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE. Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-EBA u tal-ESMA fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri taż-ŻEE, tali deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-EBA jew mill-ESMA, skont il-każ. Dan jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda.

(¹) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

(²) ĠU L 175, 30.6.2016, p. 1.

(³) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

(⁴) ĠU L 175, 30.6.2016, p. 8.

(⁵) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

(⁶) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

(⁷) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

(7) Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li din id-Deċiżjoni implimenta l-ftehim rifless fil-konklużjonijiet<sup>(8)</sup> tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-Ftehim ŻEE.

(8) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 13b (id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendata bi:

— **32014 L 0065:** id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349), kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, mill-ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116.”

2. It-test tal-punt 31ba (id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) qed jinbidel b'dan li ġej:

“**32014 L 0065:** id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349), kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, mill-ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116, kif emendata bi:

— **32016 L 1034:** id-Direttiva (UE) 2016/1034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 175, 30.6.2016, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini ‘Stat Membru/i’ u ‘awtoritajiet kompetenti’ għandhom jinfieħmu li qed jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fid-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Ir-referenzi għall-membri tas-SEBĊ għandhom jinfieħmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fid-Direttiva, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.

(c) Ir-referenzi għal atti oħrajn fid-Direttiva għandhom jitqiesu rilevanti sal-punt u b'mod illi dawk l-atti jiġu inkorporati fil-Ftehim.

(d) Fl-Artikolu 3(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘it-2 ta’ Lulju 2014’ għandu jsir ‘id-data tad-dħul fis-seħħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’ u l-kliem ‘sat-3 ta’ Lulju 2019’ għandu jsir ‘sa ħames snin minn hemm ‘il quddiem’

(e) Fl-Artikolu 16(11), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘it-2 ta’ Lulju 2014’ għandu jsir ‘id-data tad-dħul fis-seħħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’.

(f) Fl-Artikolu 41(2), il-kliem ‘tal-Unjoni’ għandu jinbidel bil-kliem ‘taż-ŻEE’.

(g) Fl-Artikolu 57:

(i) fit-tieni subparagraphu tal-paragrafu 5, il-kliem ‘hija għandha tieħu azzjoni’ għandu jinbidel bil-kliem ‘l-ESMA jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tieħu azzjoni’;

(ii) fil-paragrafu 6, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara ‘AETS’.

(h) Fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 70(6), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘fit-2 ta’ Lulju 2014’ għandu jsir ‘fid-data tad-dħul fis-seħħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’.

<sup>(8)</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

- (i) Fl-Artikolu 79:
  - (i) fit-tieni subparagraphu tal-paragrafu 1, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘lill-AETS’;
  - (ii) fil-ħames subparagraphu tal-paragrafu 1, il-kliem ‘, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘lill-Kummissjoni, lill-AETS’.
- (j) Fl-Artikolu 81(5), fl-Artikolu 82(2) u fl-Artikolu 87(1), il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ jiddaħħal wara l-kelma ‘AETS’.
- (k) Fl-Artikolu 86, il-kliem ‘lill-AETS, li’ għandu jinbidel bil-kliem ‘lill-ESMA. L-ESMA jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’.
- (l) Fl-Artikolu 95(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘mit-3 ta’ Jannar 2018’ għandu jsir ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’.

3. It-test tal-punt 31baa (imħassar) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

**“32014 R 0600:** ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84), kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, mill-ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54, kif emendat bi:

— **32016 R 1033:** ir-Regolament (UE) 2016/1033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ġunju 2016 (ĠU L 175, 30.6.2016, p. 1).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta’ dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini ‘Stat Membru/i’ u ‘awtoritajiet kompetenti’ għandhom jinfiehem li qed jinkludu, appartu t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.
- (b) Ir-referenzi għall-membri tas-SEBĊ għandhom jinfiehem li jinkludu, appartu t-tifsira tagħhom fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.
- (c) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) jew l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont il-każ, u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkoperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw ma’ xulxin għall-finijiet tar-Regolament, b'mod partikolari qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.
- (d) Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jitqiesu rilevanti sal-punt u b'mod illi dawk l-atti jiġu inkorporati fil-Ftehim.
- (e) Ir-referenzi għas-setgħat tal-ESMA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-Regolament għandhom jinfiehem bħala li jirreferu, fil-każżejjiet previsti fil-punt 31i ta’ dan l-Anness u f'konformità miegħu, għas-setgħat tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.
- (f) Fil-punt (e) tal-Artikolu 1(1):
  - (i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘mill-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA u l-EBA’ għandu jsir ‘mill-awtoritajiet kompetenti u mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’;
  - (ii) il-kliem ‘jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘setgħat tal-ESMA’.
- (g) Fl-Artikolu 4:
  - (i) fil-paragrafu 4, il-kliem ‘u lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘lill-Kummissjoni’;
  - (ii) fil-paragrafu 7, il-kliem ‘jew, fir-rigward ta’ eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘it-3 ta’ Jannar 2018’.
- (h) Fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 9(2), fl-Artikolu 11(1) u fl-Artikolu 19(1), il-kliem ‘u lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘lill-Kummissjoni’.
- (i) Fl-Artikolu 36(5):
  - (i) fl-ewwel u fit-tieni sentenza, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma ‘lill-ESMA’ għandha ssir ‘lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’;
  - (ii) il-kliem ‘u għandha tinkludi fil-lista n-notifikasi kollha rċevuti mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘ESMA għandha tippubblika lista tan-notifikasi kollha li tirċievi’.

## (j) Fl-Artikolu 37(2):

- (i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘it-3 ta’ Jannar 2018’ għandu jsir ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta’ Marzu 2019’;
- (ii) il-kliem ‘għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE’ għandu jiġi ssostitwit bil-kliem ‘għall-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE’.

## (k) Fl-Artikolu 40:

- (i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 1 sa 4, 6 u 7, il-kelma ‘l-ESMA’ għandha ssir ‘l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’;
- (ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2 il-kliem ‘il-liġi tal-Unjoni’ għandu jsir ‘il-Ftehim ŻEE’;
- (iii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘wara konsultazzjoni mal-korpi pubbliċi’ għandu jiġi ssostitwit bil-kliem ‘wara li l-ESMA tikkonsulta mal-korpi pubbliċi’;
- (iv) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘mingħajr ma toħroġ l-opinjoni’ għandu jiġi ssostitwit bil-kliem ‘mingħajr ma l-ESMA toħroġ l-opinjoni’;
- (v) fil-paragrafu 5, il-kliem ‘kwalunkwe deċiżjoni li tieħu kwalunkwe azzjoni’ għandu jinbidel bil-kliem ‘kull deċiżjoni tagħha li tieħu azzjoni’;
- (vi) fil-paragrafu 5, il-kliem ‘. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż dwar kull deċiżjoni tagħha li tieħu azzjoni skont dan l-Artikolu. Referenza għall-pubblikazzjoni tal-avviż mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha titqiegħed fuq is-sit web tal-ESMA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘dan l-Artikolu’.

## (l) Fl-Artikolu 41:

- (i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 1 sa 4, 6 u 7, il-kelma ‘l-EBA’ għandha ssir ‘l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’;
- (ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2 il-kliem ‘il-liġi tal-Unjoni’ għandu jsir ‘il-Ftehim ŻEE’;
- (iii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘mingħajr ma toħroġ l-opinjoni’ għandu jinbidel bil-kliem ‘mingħajr il-ħruġ mill-EBA tal-opinjoni’;
- (iv) fil-paragrafu 5, il-kliem ‘kwalunkwe deċiżjoni li tieħu kwalunkwe azzjoni’ għandu jinbidel bil-kliem ‘kull deċiżjoni tagħha li tieħu azzjoni’;
- (v) fil-paragrafu 5, il-kliem ‘. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż dwar kull deċiżjoni tagħha li tieħu azzjoni skont dan l-Artikolu. Referenza għall-pubblikazzjoni tal-avviż mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha titqiegħed fuq is-sit web tal-EBA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘dan l-Artikolu’.

## (m) Fl-Artikolu 45:

- (i) fil-paragrafu 1, il-kliem ‘jew, fil-każ tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘l-ESMA’;
- (ii) fil-paragrafi 2, 4, 5, 8 u 9 u fl-ewwel subparagraphu tal-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘l-ESMA’;
- (iii) fit-tieni u fit-tielet subparagraphu tal-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, skont il-każ, tipprepara abbozzi għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA,’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘qabel ma tieħu xi miżura’;
- (iv) fil-paragrafu 6, il-kliem ‘kwalunkwe deċiżjoni’ għandu jsir ‘kull deċiżjoni tagħha’;
- (v) fil-paragrafu 6, il-kliem ‘. L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika avviż fuq is-sit web tagħha dwar kull deċiżjoni propria li timponi jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1(c). Referenza għall-pubblikazzjoni tal-avviż mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha titqiegħed fuq is-sit web tal-ESMA’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘fil-paragrafu 1(c)’;
- (vi) fil-paragrafu 7, il-kliem ‘fuq is-sit web tal-ESMA jew, fir-rigward ta’ miżuri meħħuda mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, meta l-avviż jiġi ppubblifikat fuq is-sit web tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA,’ għandu jiddaħħal wara l-kliem ‘meta jiġi ppubblifikat l-avviż.’”

4. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

- “**32014 R 0600**: ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84), kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, mill-ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54.”

#### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, kif irrettifikat mill-ĠU L 270, 15.10.2015, p. 4, ĠU L 187, 12.7.2016, p. 30 u mill-ĠU L 278, 27.10.2017, p. 54, u mir-Regolament (UE) 2016/1033 u tad-Direttiva 2014/65/UE, kif irrettifikata mill-ĠU L 188, 13.7.2016, p. 28, ĠU L 273, 8.10.2016, p. 35 u mill-ĠU L 64, 10.3.2017, p. 116, u mid-Direttiva (UE) 2016/1034 bil-lingwa Iż-żala u b’dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-ġħada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (⁹).

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u fis-Suppliment tiegħi dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Marzu 2019.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(⁹) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonal.

## ANNESS

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti****tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2019 tad-29 ta' Marzu 2019 li tinkorpora d-Direttiva  
2014/65/UE fil-Ftehim ŻEE**

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-instrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE hija bla preġudizzju għar-regoli nazzjonali tal-applikazzjoni ġenerali b'rabta mal-kontroll tal-investiment dirett barrani għall-finijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku.

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 85/2019**

**tad-29 ta' Marzu 2019**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE 2019/1837**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2020 tas-26 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għad-determinazzjoni ta' jekk derivattiv soġġett għall-obbligu tal-ikklerjar għandux ikun soġġett għall-obbligu ta' negozjar (¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2021 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji fir-rigward tal-standards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess fir-rigward tal-parametri referenzjarji (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2022 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' ditti minn pajjiżi terzi u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovdua lill-kljenti (³) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investimenti u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (⁴) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/566 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-proporzjon ta' ordnijiet mhux eżegwiti ma' tranżazzjonijiet sabiex ikunu evitati kundizzjonijiet tan-negozjar dżordinati (⁵) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/567 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjonijiet, it-trasparenza, il-kompressjoni ta' portafolli u l-miżuri superviżorji fuq l-intervent fuq prodotti u pożizzjonijiet (⁶) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/568 tal-24 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji għall-ammissjoni tal-istumenti finanzjarji għan-negozjar fi swieq regolati (⁷) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (8) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/569 tal-24 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għas-sospensjoni u t-tnejħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar (⁸) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(¹) ĠUL 313, 19.11.2016, p. 2.

(²) ĠUL 313, 19.11.2016, p. 6.

(³) ĠUL 313, 19.11.2016, p. 11.

(⁴) ĠUL 87, 31.3.2017, p. 1.

(⁵) ĠUL 87, 31.3.2017, p. 84.

(⁶) ĠUL 87, 31.3.2017, p. 90.

(⁷) ĠUL 87, 31.3.2017, p. 117.

(⁸) ĠUL 87, 31.3.2017, p. 122.

- (9) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/570 tas-26 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għad-determinazzjoni ta' suq materjali f'termini ta' likwidità fir-rigward ta' notifikasi ta' waqfa temporanja fin-negożjar (⁹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (10) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżi organizzazzjonali u l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet għal forniture tas-servizzi ta' rapportar tad-data (¹⁰) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (11) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/572 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-provvista ta' data ta' qabel u wara n-negożjar u l-livell ta' diżaggiegazzjoni tad-data (¹¹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (12) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/573 tas-6 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżi li jaġguraw servizzi ġusti u mhux diskriminatorji ta' kolokazzjoni u strutturi ta' tariffe (¹²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (13) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/574 tas-7 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal-livell ta' preċiżjoni tal-arloġġi tan-negożju (¹³) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (14) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/575 tat-8 ta' Ġunju 2016 li jissupplementa d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji fdak li għandu x'jaqsam mal-istandardi tekniċi regolatorji dwar id-data li għandha tiġi ppublikata miċ-ċentri tal-eżekuzzjoni dwar il-kwalità tal-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet (¹⁴) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (15) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/576 tat-8 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-pubblikazzjoni annwali mid-ditti tal-investimenti ta' informazzjoni dwar l-identità taċ-ċentri tal-eżekuzzjoni u dwar il-kwalità tal-eżekuzzjoni (¹⁵) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (16) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istandardi tekniċi regolatorji fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji dwar il-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra (¹⁶) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (17) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/578 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżi dwar ftehimiet u skemi ta' ġenerazzjoni tas-suq (¹⁷) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (18) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/579 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji għaż-żamma tad-data rilevanti dwar l-effett dirett, sostanzjali u prevedibbli tal-kuntratti fl-Unjoni u biex ma jiġix evitati r-regoli u l-obbligi (¹⁸) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (19) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji għaż-żamma tad-data rilevanti dwar l-ordnijiet fl-strumenti finanzjarji (¹⁹) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(⁹) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 124.

(¹⁰) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 126.

(¹¹) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 142.

(¹²) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 145.

(¹³) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 148.

(¹⁴) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 152.

(¹⁵) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 166.

(¹⁶) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 174.

(¹⁷) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 183.

(¹⁸) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 189.

(¹⁹) ĠU L 87, 31.3.2017, p. 193.

- (20) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/581 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għall-ikkljerjar fir-rigward ta' ċentri tan-negożjar u kontropartijiet ċentrali<sup>(20)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (21) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/582 tad-29 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-obbligu ta' kklerjar għad-dar-derivati negozjati fi swieq regolati u ż-żmien ta' aċċettazzjoni għall-ikkljerjar<sup>(21)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (22) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negożjar u ditti ta' investimenti fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi<sup>(22)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (23) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/584 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti organizzazzjonali taċ-ċentri ta' negożjar<sup>(23)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (24) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/585 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji għall-istands u l-formati tad-data ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji, u l-miżuri tekniċi marbutin ma' arranġamenti li għandhom isiru mill-Awtoritā Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-awtoritajiet kompetenti<sup>(24)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (25) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/586 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-kooperazzjoni f'attivitàjet superviżorji, verifikasi fuq il-post u investigazzjonijiet<sup>(25)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (26) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għall-ċentri tan-negożjar u ditti ta' investimenti fir-rigward ta' ishma, iċċevuti depożitarji, fondi mnegożjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-rigward ta' ċertu ishma f'ċentru tan-negożjar jew minn internalizzaturi sistematiċi<sup>(26)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (27) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/588 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji dwar il-konvenzjoni għal daqs ta' funzjonament ta' ishma, iċċevuti depożitarji u fondi mnegożjati fil-borża<sup>(27)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (28) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/589 tad-19 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istands tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti organizzattivi tad-ditti ta' investimenti involuti f'negożjar algoritmiku<sup>(28)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (29) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti<sup>(29)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (30) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/591 tal-1 ta' Diċembru 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-applikazzjoni ta' limiti ta' pożizzjoni għal derivattivi ta' komoditajiet<sup>(30)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

<sup>(20)</sup> ĠU L 87, 31.3.2017, p. 212.

<sup>(21)</sup> ĠU L 87, 31.3.2017, p. 224.

